---

31 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Neg. Joseph Darmanin ne.** ***versus*** **Carmelo Micallef ne. (*)**

**Preskrizzjoni — Obligazzjoni — Appalt — Interruzzjoni — Sospensjoni — Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re — Art. 2242 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Ftehim li jsir bis-saħħa ta' skrittura privata, fejn il-partijiet jintrabtu mingħajr ma jiffissaw żmien, ma jaqax preskritt billi jgħaddu***

*ħames snin minn fuqu; imma fl-eżami u definizzjoni tal-preskrizzjoni għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni u separatament l-obligazzjonijiet derivanti minn dik l-iskrittura, u l-azzjoni "in genere" mnissla minnha.*

*Il-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn dak in-nhar li tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni; għalhekk il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għas-sehem mill-profitti derivanti minn appalt tibda tgħaddi minn meta l-profitti jew realizzati u l-appalt jiġi mitmum. Jekk ma jirriżultax meta ġew realizzati l-profitti jew meta ġie mitmum l-appalt, il-preskrizzjoi tibda tgħaddi minn meta tticħed l-appalt.*

*Il-preskrizzjoni ma tistax tiġi interrotta wara li tkun ġa kompjuta.*

*L-appell li jsir lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re minn sentenza tal-Qorti Tagħna li tkun ċaħdet it-talba ta' l-attur ma jinterrompix u ma jissospendix il-preskrizzjoni; għalhekk jekk l-attur li tilef il-kawża fil-Qorti Tagħna jappella quddiem il-Privy Council u dak it-Tribunal jirrevoka s-sentenza tal-Qorti Tagħna, ma jistax jeżerċita aktar dak id-dritt jekk huwa ma jkunx ħa r-rimedji skond il-liġi, u li seta' jeżerċita, biex iħares id-dritt tiegħu milli jiġi milqut bil-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal li l-kontendenti, in konferma ta' akkordi verbali preċedenti, b'kirografu taf-18 ta' Novembru 1936 ftehmu illi jekk xi ħadd minnhom, direttament jew indirettament, u b'esklużjoni tal-parti l-oħra, jieħdu xogħlijiet ta' skavi u kostruzzjoni ta' ġebel eżegwit per mezz ta' makkinarju, il-parti l-oħra jkollha dritt tipparteċipa fin-nofs tal-profitti realizzati minn dan ix-xogħol; u illi d-ditta konvenuta mis-7 ta' Jannar 1941 'il hawn, per mezz ta' makkinarju għamlet xogħlijiet ta' skavi u tiksir ta' ġebel tal-qawwi u fornietu taħt diversi dimensjonijiet, konoxxuti taħt l-ismijiet ta' "spalls", "chippings", "dust" u ismijiet oħra, u anki ħadet appalti tagħhom; u illi b'kuntratti in atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-24 ta' Lulju 1939 u tat-13 ta' Novembru 1939, id-ditta konvenuta ħadet l-appalti minn għand iċ-

(*) B'sentenza tad-9 ta' Mejju 1949 ġie mogħti permess kondizzjonali lill-attur f'din il-kawża biex jappella lill-Privy Council.

Chief Engineer tal-Malta Command għall-kostruzzjoni ta' "stores" taħt l-art fil-fortezza tal-Mosta u għall-kostruzzjoni ta' tliet gruppi ta' bini f'Saint Patrick's Barracks f'Pembroke Camp; u illi x-xogħlijiet u appalti fuq imsemmija jaqgħu taħt id-dispożizzjoni tal-kirografu fuq imsemmi u jintitolaw l-attur nomine għall-kwota tiegħu tal-profitti realizzati minnhom; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż illi d-ditta attriċi għandha d-dritt tippartecipa fil-profitti realizzati mill-konvenut nomine, u anki li jiġi dan kundannat jirrendi kont tal-profitti li d-ditta minnu rappreżentata għamlet wara s-7 ta' Jannar 1941 mill-appalti u x-xogħlijiet fuq imsemmija, skond it-termini tal-kirografu fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl 20 ta' Jannar 1948, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu tirrigwarda l-obligazzjoni stess tal-kitba privata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu għall-appalti tal-24 ta' Lulju u 13 ta' Novembru 1939 rispettivament u għall-qliegħ li sar qabel l-4 ta' Marzu 1942 mill-appalti l-oħrajn meħuda mis-7 ta' Jannar 1941 'il hawn, bl-ispejjeż kontra l-attur, u ċaħdet l-istess eċċezzjoni rigward il-profitti sussegwenti bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mid-dokumenti eżibiti rriżulta li bil-kitba privata tat-18 ta' Novembru 1936 il-partijiet għamlu ftehim bejniethom, u qalu :— "*Joseph Darmanin for the firm "C. Darmanin &* Sons" of the one part and Carmelo Micallef for the firm "C. Micallef & Son" of the other part, confirm the negotiations *already in force since some time between them for the excavation*........... Wherefor the parties hereto........... agree not to undertake, directly or indirectly..........."

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut ħa l-appalti msemmijin fit-taħrika mingħajr ma daħħlu f'xejn; u peress li jippretendi li dawk ix-xogħlijiet jaqgħu taħt il-ftehim li ssemma, huwa jippretendi li għandu jaqsam mal-konvenut il-bejgħ u

l-konvenut għandu jirrendilu l-kontijiet ta' dawk l-appalti. Iżda l-konvenut jippretendi li l-obligazzjoni riżultanti mill-kitba tat-18 ta' Novembru 1936 tinsab preskritta bl-għeluq il-ħames snin, u li għalhekk huwa mhux obligat iżjed għaliha. F'dik l-obligazzjoni l-partijiet ma ffissawx għal kemm żmien kellhom jintrabtu. Il-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn meta l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, u tista' tiġi nterrotta b'domanda ġudizzjarja jew b'att ġudizzjarju notifikat lill-kontroparti. Fil-każ preżenti l-attur kien għamel domanda li ġiet deċiża minn din il-Qorti b'sentenza tal-31 ta' Mejju 1943, u mill-Privy Council b'sentenza tas-26 ta' Novembru 1945. B'dik *id-domanda l-attur żamm l-effikaċja ta' l-obligazzjoni u* nterrompa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni in ġenere mnissla minnha, u għalhekk dik l-obligazzjoni ma ġietx preskritta;

Iżda l-konvenut jippretendi wkoll li l-azzjoni eżerċitata f'dil-kawża tinsab preskritta għax għaddew il-ħames snin qabel ma ġiet preżentata. Għalhekk wieħed irid jara meta dik l-azzjoni setgħet tibqa' tiġi eżerċitata kontra l-konvenut. Tnejn mill-appalti li l-konvenut ħa waħdu b'esklużjoni ta' l-attur saru fl-24 ta' Lulju u fit-13 ta' Novembru 1939 rispettivament. Minn dak in-nhar l-attur seta' jibda jeżerċita l-azzjoni kemm-il darba dawk il-kuntratti jaqgħu fil-kategorija ta' appalti kontemplati fl-obligazzjoni tat-18 ta' Novembru 1936. Iżda l-azzjoni ta' l-attur hija għal nofs il-profitti; u għalhekk, biex jibda jgħaddi ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, jeħtieġ li qabel xejn jitnisslu l-profitti, u mhux biss jibda x-xogħol. L-appalt meħud bil-kuntratt tat-13 ta' Novembru 1939 ġie kompletament eżegwit fit-2 ta' Mejju 1941, u l-aħħar ħlas ġie riċevut mill-konvenut għal ħabta ta' l-aħħar tas-sena 1941; minn dan iż-żmien setgħu jiġu likwidati l-profitti, u għalhekk bdiet tgħaddeja l-preskrizzjoni. L-attur jippretendi li bl-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1946 huwa interrompa l-preskrizzjoni; iżda b'dik l-ittra uffiċjali l-attur talab biss nota ta' l-appalti, u xejn iżjed; u għalhekk il-preskrizzjoni għall-azzjoni relativa għall-profitti ta' l-appalt tat-13 ta' Novembru 1939 ma ġietx interrotta b'dik l-ittra uffiċjali; u meta saret din il-kawża fl-4 ta' Marzu 1947, il-ħames snin tal-preskrizzjoni kienu għaddew;

Fuq l-appalt tal-24 ta' Lulju 1939 ma rriżultawx dati preċiżi, u għalhekk, peress li mill-kuntratt sal-preżentazzjoni tat-taħrika għaddew aktar minn sebgħa snin, il-preskrizzjoni għandha tgħodd li għalqet rigward il-profitti ta' dak l-appalt;

L-attur jippretendi wkoll nofs il-profitti ta' l-appalti li saru mis-7 ta' Jannar 1941 'l hawn. Għall-istess raġuni li ntqalet aktar 'il fuq, l-azzjoni għall-profitti li saru qabel l-4 ta' Marzu 1942, hija preskritta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata billi tiġi konfermata fil-parti fejn irriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut a rigward l-obligazzjoni ta' l-iskrittura tat-18 ta' Novembru 1936, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u fil-kap fejn irriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut rigward il-profitti li saru wara s-7 ta' Jannar 1941 miż-żewġ appalti fuq imsemmija u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u revokata fil-kap fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut in kwantu għall-appalti tal-24 ta' Lulju 1939 u 13 ta' Novembru 1939, għall-qliegħ li sar qabel l-4 ta' Marzu 1942 meħuda mill-appalti l-oħrajn li ġew konċessi mis-7 ta' Jannar 1941 'l hawn, u jiġi f'dan il-każ deċiż għar-riġett ta' din l-eċċezzjoni tal-konvenut rigwardanti dan il-kap, bl-ispejjeż relativi u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine, li wara li talab li l-appell avversarju *jiġi respint*, iddikjara li ried jipprevalixxi ruħu minn dak l-appell u li ried jappella inċidentalment, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata in kwantu rriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu tirrigwarda l-obligazzjoni derivanti mill-iskrittura fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra l-konvenut u in kwantu rriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni rigward il-profitti susseġwenti għall-4 ta' Marzu 1942, mill-appalti meħuda mis-7 ta' Jannar 1941, *billi* jiġi minflok deċiż għall-akkoljiment ta' l-ewwel eċċezzjoni fuq id-durata ta' l-obligazzjoni derivanti mill-iskrittura u għall-akkoljiment tat-tieni preskrizzjoni a rigward tal-profitti ri-

kavati mill-kuntratti meħuda qabel it-18 ta' Novembru 1941, u *limitatament għal* dawk il-profitti li ġew *mill-kuntratti* li kienu kompletament eżegwiti sal-4 ta' Marzu 1942, bl-ispejjeż kontra l-attur, u billi s-sentenza appellata tiġi konfermata fil-partijiet l-oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bi skrittura privata tat-18 ta' Novembru 1936, il-kontendenti, wara li kkonfermaw "the negotiations already in force.............." Ftehmu bejniethom "not to undertake, directly or indirectly, the one to the exclusion on the other......" Bis-saħħa ta' dan il-ftehim l-attur ressaq quddiem il-Qorti dina l-kawża, biex jiġi dikjarat u deċiż li huwa għandu dritt jipparteċipa fil-profitti realizzati mill-konvenut nomine mill-appalti li huwa ħa *minn għand* iċ-Chief Engineer tal-Malta Command bil-kuntratti għand in-Nutar Joseph Gatt tal-24 ta' Lulju 1939 u tat-13 ta' Novembru 1939, għall-kostruzzjoni.............. kif ukoll minn appalti u xogħlijiet oħra li l-konvenut nomine għamel wara s-7 ta' Jannar 1941. Kontra din it-talba l-konvenut nomine, fost eċċezzjonijiet oħra, ġieb 'il quddiem dik tal-preskrizzjoni ta' ħames snin prevista mill-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, billi jippretendi li l-effetti ta' l-iskrittura tat-18 ta' Novembru 1936 spiċċaw fit-18 ta' Novembru 1941;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni tal-konvenut li l-iskrittura fuq imsemmija kellha sseħħ biss għal ħames snin mhix ammissibili; u kif sewwa għamlet l-Ewwel Qorti, fl-eżami u definizzjoni tal-preskrizzjoni għandhom jiġu meħudin in konsiderazzjoni u separatament l-obligazzjonijiet derivanti minn dik l-iskrittura u l-azzjoni "in genere" mnissla minnha;

Ikkunsidrat;

Illi fid-19 ta' Frar 1938 l-attur kien ippreżenta ċitazzjoni kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn talab li bis-saħħa tal-ftehim fuq imsemmi tat-18 ta' Novembru 1936 huwa kellu dritt għal nofs il-profitti li l-konvenut għamel *mill-appalti* li ħa *minn għand ir-Royal*

Engineers fis-27 ta' Awissu 1937 għal xogħlijiet *fil-Mosta Fort*. Il-konvenut eċċepixxa li dak l-appalt ma kienx ta' xogħol li kien imsemmi jew previst fil-ftehim tagħhom kontenut fl-iskrittura tat-18 ta' Novembru 1936. Tant il-Qorti tal-Kummerċ, b'sentenza tal-31 ta' Marzu 1938, kemm din il-Qorti, b'sentenza tad-9 ta' Diċembru 1938, laqgħu dik l-eċċezzjoni tal-konvenut. Iżda l-Kumitat Ġudizzjarju tal-Privy Council, b'sentenza tas-26 ta' Novembru 1945, irrevoka dawk id-deċiżjonijiet tal-Qrati ta' Malta, u ddikjara li l-attur appellanti kellu dritt għal nofs il-profitti li l-konvenut *kien għamel mill-"Mosta Contract"*, *u reġa' bagħat l-atti* lill-Qorti tal-Kummerċ "for further disposal";

Ikkunsidrat;

Illi b'dik l-azzjoni, introdotta fl-1938 u deċiża mill-Privy Council fl-1945, li kellha bħala bażi l-ftehim kontemplat fl-iskrittura tat-18 ta' Novembru 1936, ġiet miżmuma l-effikaċja ta' l-obligazzjoni bl-istess skrittura assunta, u ġiet interrotta l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni "in genere" mill-istess skrittura derivanti; u minn mindu saret dik l-interruzzjoni ma għaddiex żmien biżżejjed sakemm ġiet preżentata din il-kawża biex jista' jiġi ritenut li l-preskrizzjoni eċċepita hija kompita. Għalhekk sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta rriteniet li dik l-obligazzjoni mhix preskritta;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-azzjoni eżerċitata speċifikatament rigward l-appalti meħudin mill-konvenut nomine bil-kuntratti tal-24 ta' Lulju u tat-13 ta' Novembru 1939, il-preskrizzjoni tagħha tibda tgħaddi minn dak in-nhar li setgħet tiġi eżerċitata (art. 2242 Kodiċi Ċivili); u billi dik l-azzjoni hija intiża għall-konsegwiment ta' nofs il-profitti li saru, iż-żmien tal-preskrizzjoni għandu jibda jgħaddi minn dak in-nhar li l-profitti ġew realizzati u x-xogħlijiet mitmumin. L-appalt meħud bil-kuntratt tat-13 ta' Novembru 1939, ġie eżegwit u mitmum fit-2 ta' Mejju 1941 (fol. 22), u minn din il-ġurnata bdiet għaddejja l-preskrizzjoni, li kienet tinsab kompita meta fl-4 ta' Marzu 1947 ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, billi kienu għaddew il-ħames snin. Kif sewwa sostniet l-Ewwel

Qorti, bl-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1946 il-preskrizzjoni ma setgħetx tiġi interrotta, għaliex l-interpellazzjoni b'dik l-ittra magħmula (fol. 14) kienet intiża għall-otteniment ta' l-lista ta' l-appalti li l-konvenut eżegwixxa wara l-iskrittura tat-18 ta' Novembru 1936, u xejn iżjed. Bl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju 1946 (fol. 24) il-preskrizzjoni fuq imsemmija ma setgħetx tiġi interrotta, għaliex kienet diġà kompita disat ijiem qabel, jiġifieri fit-2 ta' Mejju 1946. Kwantu għall-appalt meħud bil-kuntratt tal-24 ta' Lulju 1939, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li fuqu qalet l-Ewwel Qorti, iżda tgħid ukoll li dak l-appalt anqas hu msemmi fl-ittra uffiċjali fuq imsemmija tal-11 ta' Mejju 1946 (fol. 24);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob ukoll il-profitti mill-appalti li saru mis-7 ta' Jannar 1941 'l hawn. Huwa evidentement qiegħed jitlob minn dik id-data billi deherlu li l-preskrizzjoni ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1946 (fol. 14). Iżda l-Ewwel Qorti rriteniet li dik l-ittra uffiċjali ma kienetx effikaċi biex tinterrompi l-preskrizzjoni għall-profitti li saru qabel l-4 ta' Marzu 1942, jiġifieri iżjed minn ħames snin qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni. Fuq dan il-pont għandu jiġi rilevat li, kif ingħad fuq, din il-Qorti taqbel li l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar 1946 (fol. 14) ma kellhiex l-effikaċja li tinterrompi l-preskrizzjoni. Bl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju 1946 (fol. 24) jissemmew erba' kuntratti, dak tat-13 ta' Novembru 1939, li fuqu diġà saru l-konsiderandi fuq riportati, dawk tal-11 ta' Ottubru, u 11 ta' Novembru 1944, li rigward il-profitti talvolta minnhom konsegwiti l-preskrizzjoni ġiet miċħuda mis-sentenza appellata, u dak tal-24 ta' April 1939, li rigward tiegħu ma saret ebda prova meta ġew realizzati l-profitti u setgħet tiġi promossa l-azzjoni, u billi sal-preżentazzjoni ta' dik l-ittra uffiċjali kienu għaddew tlettax-il xahar fuq il-ħames snin meħtieġa għall-kompiment tal-preskrizzjoni din għandha tiġi miżmuma bħala kompjuta;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur appellant, li huwa ma setax

jaġixxi qabel is-sentenza tal-Privy Council, billi s-sentenzi preċedenti kienu innegawlu kull azzjoni li b'dik ġiet lilu rikonoxxuta, ma tistax tiġi milqugħa, tant għaliex huwa kellu rimedji oħra skond il-liġi biex iħares id-drittijiet tiegħu u ma jħallix li jiġu milqutin bil-preskrizzjoni, kemm għaliex il-kawżi tas-sospensjoni u ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni huma speċifikatament kontemplati mil-liġi, u fosthom mhux kompriż il-motiv allegat mill-attur appellant;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, tant l-appell prinċipali kemm dak inċidentali ma jistħoqqilhomx jiġu milqugħa, u għandhom jiġu miċħuda;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell prinċipali ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu u dak inċidentali tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu. U hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' Jannar 1948.